MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2229/2002

***Middle Sea Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Agius***

***vs***

***Simon Woodhead***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u hamsa u disghin lira Maltin u centezmu (Lm1195.01) rappresentanti danni kagunati mill-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAJ 101 fit-3 ta' Awissu 2001 gewwa B'Bugia u habat mal-vettura

numru LVY 050 proprjeta' ta' Alfred Agius u kkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa unikament

responsabbli ghalih l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju 2002 u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut u ezebixxa sett dokumenti permezz ta' nota datata 11 ta' Ottubru 2002 konsistenti fir-*road accident report* u l-fatturi tal-hsarat rapportati fil-vettura ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici u r-ricevuti tal-hlasijiet effetwati.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u senjatament tad-dokumenti esibiti a Fol.13 sa 20 ta' l-atti processwali.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u hamsa u disghin lira Maltin u centezmu (Lm1195.01), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**

**Gudikatur**